# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Numru.2910

**Kaz Nru. 3998/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Astrid Dorekens (0303100L)**
**u**
**ROCS Company Ltd. (C 15385)**
**(Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Astrid Dorekens li gie prezentat fir-registru tal-Qorti fis-17 ta' Settembru, 2021 u matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrent kienet assistita mill-Avv. Mario Caruana u ROCS Company Limited kienet raprezentata mis-Sur Colin Aquilina li kien assistit mill-Avv. Alan Zerafa.**

**Fid-dikjarazzjoni tal-kaz ir-rikorrenti tghid, li qabel ma giet impjegata kellha nterviews mal-management fejn kienet infurmathom li hija kienet ghadha studenta. Hija tghid ukoll, li xorta giet mghazula u l-impjieg taghha beda b'sehh mill-15 ta' Settembru, 2020 fuq bazi part-time u l-kuntratt ta' servizz kien indefenit. Hija tghid ukoll li l-grad li giet**

**impjegata ghalih kien Junior Graphic Designer/Business Development Executive.**

**Hija tkompli tghid, li matul l-impjieg taghha hadmet fuq diversi progetti u kienet responsabbli ghal-artworks tax-shop signage, bill boards, window displays u screens.**

**Fl'istqarrija taghha ir-rikorrenti tghid ukoll, li peress li kienet ghadha studenta u tircievi l-istupendju kellha tinforma lill-Istpend Office li kellha xoghol part-time u bhala prova l-HR Development Manager Raylene Pollacco kkonfermat dan permezz ta' ittra li ma kienitx se tkun tahdem aktar minn ghoxrin siegha fil-gimgha. Hija tghid ukoll, li dan jivverifika li s-socjeta ntimata kienet konxja li qed timpjega studenda fuq bazi part-time.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li f'Jannar, 2021 kien il-bidu tas-second semester u ghamlet talba lill Ms Raylene Pollacco biex tahdem reduced hours u meta staqsietha x'kienet ir-raguni, ir-rikorrenti nfurmatha li kienet se tkun qed tahdem fuq it-tezi u dan peress li l-kors taghha kien qed jersaq lejn tmiemu.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li sfortunatament f'Marzu, 2021 kienet pozittiva bil-COVID-19 u ghaldaqstant kellha tkun korantina u ntlaqtet hazin mill-virus ghax kienet maghdura.**

**Hija tkompli tghid, li qabel ma kienet kwarantina staqsiet lill management biex tibda tahdem mid-dar, izda t-talba taghha ma gietx approvata. Hija tghid ukoll, waqt li kienet kwarantina giet mitluba biex tahdem mid-dar imma minhabba l-istat ta' sahha li kellha ma setghatx tghamel dan.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li meta dahlet lura ghax-xoghol il-managemet ma approvax li tahdem remote working u qallulha biex tahdem mill-boardroom. Hija tkompli tghid, li wara ix-xoghol kienet tmur f'cafeterias biex tahdem fuq l-istudji ta' l-iskola imma minhabba l-mizuri tal-COVID - 19 kellha toqghod titlaq kmieni mix-xoghol biex tlahhaq ma l-istudji tal-kors taghha u minhabba f'hekk il-management offrewlha biex tahdem mill-boardroom halli ma titlifx hin mix-xoghol.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li b'din is-sitwazzjoni kellha konsegwenza fuq il-hinijiet tax-xoghol taghha u kellu wkoll impatt negattiv fuq l-istudji taghha.**

**Hija tkompli tghid, li wara li ghadda z-zmien tal-korantina u rritornat lura ghax-xoghol hadmet fuq website u kienet assenjata biex tahdem ma Snr Designer, imma meta dan gie assenjat biex jahdem fuq progett iehor kellha tkompli tahdem fuq dan il-progett wehedha u minkejja li ma kellhix l-ghajnuna tas-Snr Designer xorta ghamlet dak kollu li kien neccessarju, nkluz laqghat ma Web Developers ohra sabiex ikollha perspettiva ahjar fix-xoghol li kienet qed twettaq.**

**Hija tghid ukoll, li meta ghadda l-perjodu ta' probation kellha laqgha ma Ms Raylene Pollacco fejn giet infurmatha li kienet se tinzamm fl'impjieg u giet moghtija permess biex tahdem fil-boardroom tal-kumpanija u tippartecipa ghal lectures tal-kors b'modd virtuali. Hija tkompli tghid, li s-Sur Colin Aquilina kien ta' spiss jistaqsieha dwar il-progress li kienet qed tghamel fuq it-tezi u hija kienet izzommhu nfurmat.**

**Fl'istqarrija tal-kaz lr-rikorrenti tghid ukoll, li kellha laqgha ohra ma Ms Raylene Pollacco u nfurmatha li kienet inqalghetilha problema fl'istudju u kienet tinhtieg li tirrevedi is-sieghat tax-xoghol u f'din il-laqgha staqsiet ukoll dwar iz-zieda fis-salarju peress li kien ghadda z-zmien tal-prova taghha u t-twegieba li giet moghtija kienet li l-wage supplement li hija kienet intitolata ghalih ma kienx ghadu gie approvat mis-CEO pero huwa kien qed jirrsissti biex jigi approvat.**

**Hija tghid ukoll, li Ms Raylene Pollacco qaltilha biex tikkoncentra fuq it-tezi halli tispiccaha u tibda thossha ahjar fuq il-post tax-xoghol ghax tkun helset minn certu stress. Hija tkompli tghid, li Ms Raylene Pollacco qaltilha li jekk thoss li ghandha tirrezenja mix-xoghol tinfurmahhom ta' lanqas gimghatejn qabel sabiex ikunu jistghu jharrgu lill haddiehor.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid li fis-19 ta' Mejju, 2021 cemplet lil Ms Raylene Pollacco ghar-raguni li l-mentor taghha li kien qed jidderigieha fit-tezi kien kelliema u qallha li kienet qed taqa lura fuq ix-xoghol tat-tezi u jkun ahjar li tinforma x-xoghol dwar dan u kellha tiehu leave ghall istudju mid-19 ta' Mejju, 2021 sal-11 ta' Gunju, 2021. Hija tghid ukoll, li dwar dan kienet kellmet lil Ms Raylene Pollacco minn fuq it-telephone u wara din it-telefonata bghatitilha email.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li minkejja li t-talba taghha kienet urgenti l-HR Development Manager damet 24 siegha biex tirrispondi l-email taghha u meta r-risponditha b'email ohra qaltilha li ma kellhiex cans tqis it-talba taghha u titghama li tara l-kaz taghha meta l-ghada terga tidhol ghax-xoghol.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li minkejja li giet mweghda li kienet se tircievi risposta l-ghada pero ma semghat xejn u dan minkejja li harget bl'istudy**

**leave u sadanittant hadd ma kkomunika maghha biex tigi nfurmatha li l-leave ma giex awtorizzat u biex terga tidhol lura ghax-xoghol.**

**Hija tghid ukoll, peress li ma semghat xejn minghand hadd sal-25 ta' Mejju, 2021 assumiet li l-leave ghal istudju kien gie approvat.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li nhasdet meta fil-25 ta' Mejju, 2021 giet infurmatha li t-talba taghha giet diskussa fl'24 ta' Mejju, 2021 u gie deciz li peress il-leave li hadet qatt ma gie diskuss jew mitlub minn qabel u li ma kienx awtorizzat, ma kienx baqa aktar fiducja fiha u ghaldaqstant ma kellix tibqa aktar parti mit-team tal-Kumpanija.**

**Fl'istqarrija taghha ir-rikorrenti tghid ukoll, li se tghati aktar dettalji meta tixhed quddiem it-Tribunal Industrijali ghax il-management tal-kumpanija kien jaf bis-sitwazzjoni taghha rigward l-istudju minn qabel ma giet impjegata, ghax hija kienet infurmathom kemm waqt l-interviews, matul iz-zmien tal-probation u anke f'zewg laqghat li kellha mal-management f'Mejju, kif ukoll hemm emails bil-miktub.**

**Hija tghid ukoll, li kienet infurmathom dwar is-sitwazzjoni taghha u purament talbet il-leave ghal istudji minhabba l-urgenza li kienet fiha ghax kienet se titlef l-opportunita li tikkwalifika u dan kien se jkun anke**

**ta' beneficcju ghall-kumpanija li jkollhom impjegata gradwata maghhom fis-settur li jolqot id-dmirijiet li kellha tghati lil kumpanija.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li kienet wiegbet l-email tal-25 ta' Mejju, 2021 lill HR Development Manager u gibditilha l-attenzjoni li kienet kellmietha dwar it-talba ghal leave u kienu ghaddew il-jiem qabel ma irceviet twegiba, liema twegiba kienet qieghda tinfurmahha li tkecciet mix-xoghol ghax intilfet il-fiducja.**

**Hija tghid ukoll, li ftit wara rceviet email ohra din id-darba minghand is-CEO li allega li kienet abbandunat il-post tax-xoghol u li d-decizjoni dwar jekk jinghatax il-leave jew le kienet prerogattiva ta' min ihaddem skond l-esigenzi.**

**Ir-rikorrenti tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li thoss it-tkeccija taghha mill-impjieg kienet ingusta peress li setghu qalulha mmedjatament jekk il-leave kienx se jigi approvat jew le u mhux hadu sitt iiiem biex jikkomunikaw maghha.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li kienet impjegat lir-rikorrenti fil-grad ta' Junior Graphic Designer/Business Development Executive fuq bazi part-time u dan permezz ta' kuntratt datat 31 ta'**

**Awwissu, 2020 u kienet ir-rikorrenti li ddecidiet li tabbanduna l-impjieg taghha u ghaldaqstant ma kienx hemm tkeccija mill-impjieg.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li minkejja l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti kien jipprovdi kemm sieghat tax-xoghol li kellha tahdem matul il-gimgha kif ukoll, l-ammont ta' leave li kienet intitolata ghalih u hemm procedura tal-leave kif ir-rikorrenti setghet tapplika ghal leave hija ma segwietx il-procedura ta' kif tapplika ghal leave u nhar id-19 ta' Mejju 2021 ir-rikorrenti nfurmat lis-socjeta u ddecidiet li tiehu study leave mid-data ta' 19 ta' Mejju, 2021 sal-11 ta' Gunju, 2021 u dan minkejja li l-istudy leave ma kienx gie approvat mill-management u ghaldaqstant ir-rikorrenti naqset serjament milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha li kellha mas-socjeta ntimata.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrenti kkonfermat permezz ta' email datata 27 ta' Mejju, 2021 li ma kellix l-intenzjoni li tibqa fl'impjieg u f'din l-email hija rringrazzjat lill-Kap Ezekuttiv tal-opportunita li kienet inghatat li tahdem mas-socjeta ntimata u hija esprimiet il-gratitudni taghha ghal opportunita li nghatat u konsegwentament is-socjeta ntimata rregistrat t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti mad-dipartiment ikkoncernat.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrenti u jiddikjara u jiddeciedi li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Colin Aquilina Chief Executive Officer tar-ROCS Group. Fix-xhieda tieghu jghid, li qabel ma r-rikorrenti giet impjegata mliet questionnaire bhalma jghamlu kull persuna li tigi mpjegata mall-Group fejn jitolbu lill impjegati jekk ikollhomx problema li jahdmu bejn it-tnejn sal-gimgha mid-9 ta' fil-ghodu sas-6.00 ta' fil-ghaxija u r-rikorrenti kkonfermat li ma kienx hemm problema li tahdem overtime.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li r-rikorrenti kkonfermat f'risposta minnhom li tiflah tahdem taht pressjoni ta' xoghol u jkompli jghid, li l-punt li ghamlet meta llum il-gurnata qrah gibidlu l-attenzjoni li r-rikorrenti kellha problema mal-employer li qabel kienet tahdem mieghu fejn tghid "as he did not have his employees heart at best".**

**Is-Sur Aquilina jghid ukoll, li qed jghamel riferenza ghal dan il-punt ghax ir-rikorrenti kemm damet fid-disa xhur tahdem mal-Group kien hemm diversi sitwazzjonijiet fejn hi talbithu l-ghajnuna u minn naha tal-kumpanija ghejjnuha diversi drabi.**

**Huwa jghid ukoll, li bhala sighat tax-xoghol kienet part-time u tahdem ghoxrin sigha u rigward sistema biex jittiehed il-leave s-socjeta ntimata ghanda procedura. Huwa jkompli jghid, li l-Group ihaddem madwar mija u tletin haddiem Malta u mija u hamsin il-Libja u jekk kulhadd iqum fl-ghodu u jiddeciedi li ghandu bzonn gurnata leave jew jaqbad u ma jidholx ghax xoghol ikun hemm chaos fil-kumpanija.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li s-socjeta ntimata ghanda metodu specifiku ta' kif jittiehed il-leave liema procedura kellha tadotta r-rikorrenti u liema dokument jimxi pass pass u kull impjegat ghandu japplika fuq id-dokument tal-kumpanija u jistenna risposta minghand il-Manager responsabbli ghalih u r-rrikorrenti meta giet impjegata qablet li ssegwi din il-procedura.**

**Huwa jkompli jghid, li r-rikorrenti kemm damet tahdem kien hemm diversi cirkustanzi fejn talbet l-ghajnuna kemm biex tuza l-facilitajiet tal-kumpanija biex ma toqghodx tmur l-iskola u kienet taghmel il-lectures u l-assignments on line mill-premises tal-kumpanija.**

**Is-Sur Aquilina fix-xhieda tieghu jghid ukoll fit-18 ta' Mejju, 2021 kien sar meeting flimkien mad-Design team kollu u gie mqassam ix-xoghol u wahda mill-affarijiet li r-rikorrenti kienet qaltlhu li kellha bzonn l-ghajnuna biex tlesti x-xoghol u qallha biex ma toqhodx tinkweta ghax**

**jekk hemm bzonn hemm persuna Franciza li fil-passat ghamlet xoghol ghal-kumpanija u din kienet Parigi u giet maqbuda kwarantina imma kien jista jitlob l-ghajnuna taghha.**

**Huwa jkompli jghid li dak inhar tat-18 ta' Mejju, 2021 ftiehem mar-rikorrenti in-numru ta' granet li se tidhol xoghol u apparti minnhekk li se taghti briefing lil persuna Franciza li jisimha Lina Bitu.**

**Huwa jghid ukoll, li wahda mill-affarijiet li kien in-nota li r-rikorrenti kienet tbghati mid-deadlines pero jaf li kull min ikun ghadu se jibda xoghol l-ewwel drabi jbati bid-deadlines, ghaliex fil-waqt li fil-hajja normali forsi we give allowance imma f'kumpanija jkun differenti ghax jekk ghandek Black Friday u se tilloncja campaign ma tistax tkun is-Sibt imma din trid tkun bil-fors il-Gimgha u ir-rikorrenti kienet ukoll giet amonita verbalment.**

**Ix-xhud jghid ukoll li fis-19 ta' Mejju, 2021 Ms Raylene Pollacco li hija l-HR Business Development Manager infurmathu li Ms Dorekens cemplitilha u qaltilha li se tiehu study leave u minn naha tieghu qallha biex iccempel lir-rikorrenti u tghidilha li l-bierah ftiehem maghha li se tidhol ghax-xoghol u jekk se taqbad u ma tigix izjed se jkun abbudun tax-xoghol. Huwa jghid ukoll, biex xi hadd jiehu study leave irid jimla l-istess applikazzjoni tal-leave.**

**Ix-xhud tkompli tghid, li kieku kien jaf li r-rikorrenti se tiehu study leave mid-19 ta' Mejju l'quddiem huwa kien igib team member iehor jew johloq sitwazzjoni fejn igib ghajnuna minn barra.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li Ms Pollacco irceviet email fis-19 ta' Mejju, 2021 minghand ir-rikorrenti li tghid "As per our telephone conversation I would like to confirm that I will be taking my study leave as from today till the 11th June inclusive" Huwa jkompli jghid, li r-rikorrenti mhux staqsiet imma kkonfermat hi minghajr hadd ma kien ikkonfermalha l-leave u bazikament kienet qabdet u hadet il-ligi b'idejha.**

**Huwa jghid ukoll, li jiftakar dak inhar kien kellem lil Ms Raylene u qallha biex tispjega lir-rikorrenti biex tkellimha u jghidilha li dan huwa abbandun tal-post tax-xoghol u l-affarijiet ma jsirux hekk, specjalment f'tim u jekk kulhadd jibda jiehu l-ligi f'idejh jispiccaw hadd ma jidhol ghax-xoghol u kulhadd jaghmel li jrid. Huwa jkompli jghid, li anki hu li jokkupa l-kariga ta' CEO qabel ma johrog mill-ufficcju jew jiehu l-leave jcempell lic-Chairman ghal permess tieghu u japplika ghall-leave.**

**Ix-xhud ikompli jghid, li f'dik il-gimgha kienu sa jilloncjaw website gdida li parti minnha kienet responsabilita tar-rikorrenti u minghajr l-input taghha ma setghux jahdmu u r-rikorrenti giet mitluba minn Ms Raylene**

**biex tghamel handover lill Franciza izda r-rikorrenti irrifjutat. Huwa jghid ukoll, li jekk kulhadd jghamel hekk ikun hemm chaos fil-kumpanija.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Ms Raylene Pollacco li tokkupa l-kariga ta' HR Development Manager mas-socjeta ntimata. Fix-xhieda taghha tghid, li r-rikorrenti kienet tghatihom schedule ta' sighat tax-xoghol biex tahdem u li kienu jkunu skond ix-schedule tas-sighat tal-kors taghha u dan sabiex tkun tista' tkompli l-istudji taghha. Hija tghid ukoll, li dawn is-sighat gieli wkoll kienet tibdilhom u tahdiemhom f'gurnata ohra u l-management ma kienx joggezzjona.**

**Hija tghid ukoll, li l-Erbgha 19 ta' Mejju wara l-hin tax-xoghol kienet id-dar u rceviet telefonata fuq il-mobile minghand ir-rikorrenti u qaltilha li kellmuha minn naha tal-iskola u qalulha li she is not keeping up jew ix-xoghol taghha mhux up to standard.**

**Ix-xhud tkompli tghid, li qalet lir-rikorrenti li dik il-gimgha kellha meeting mas-CEO u x-xoghol li kellha tghamel ma kienitx se tkun tista taghmlu ghax ghandha bzonn li tiehu study leave minn dik il-gurnata sa xi tlieta jew erba gimghat ohra.**

**Hija tghid ukoll, li qalet lir-rikorrenti li min-naha taghha ma tapprovax leave u ghaldaqstant ma setghatx tikkummenta minhabba li ma kienitx taf ezatt x'inhuma l-affarijiet li r-rikorrenti kienet ikkommettiet ghalihom u ghaldaqstant hija qalet lir-rikorrenti li kienet se titkellem mas-CEO.**

**Ix-xhud tkompli tghid, li wara din it-telefonata irceviet email minghand ir-rikorrenti fejn liema email diga giet ikkwotata fix-xhieda tas-CEO u x-xhud tkompli tghid, li minn naha taghha qatt ma tghat lir-rikorrenti x'tifehm li l-leave kien approvat.**

**Fix-xhieda taghha hija tispjega l-procedura tal-leave u din trid tintela mill-impjegat u ma tistghax tiehu l-leave qabel ma jigi approvat mill-Manager tad-Dipartiment rilevanti.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li wara li d-diskutiet mas-CEO gie deciz li peress ir-rikorrenti ma dahlitx ghax-xoghol u peress li r-rikorrenti abdikat mid-doveri li kellha tghamel ma tantx kien hemm aktar x'jigi diskuss u ghaldaqstant gie kkunsidrat li hija abbandunat il-post tax-xoghol.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet ir-rikorrenti fejn tghid, li meta applikat ghax-xoghol mas-socjeta ntimata kellha interview u f'din l-interview hija kienet infurmat lil management li kienet ghadha studenta.**

**Hija tghid ukoll, li dan jidher mid-dokumenti tal-Jobsplus li giet impjegata bhala studenta u li ma kienitx se tahdem aktar minn ghoxrin siegha fil-gimgha u dan sabiex tibqa tibbenefika mill-istupendi.**

**Fix-xhieda taghha tghid ukoll, peress li kienet studenta ma setghatx tahdem mid-9.00 ta' fil-ghodu sal-5.00 ta' fil-ghaxija izda kienet tahdem skond it-time table li kellha fil-kors taghha u kienet tinforma b'dan lil management.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll li f'Marzu, peress li kien hemm il-COVID kienet staqsiet lil Ms Raylene Pollacco jekk tistghax tahdem mid-dar biex tevita l-iskarig tal-ivjaggar pero ma kienitx giet moghtija permess peress li l-haddiema l-ohra kienu qed jahdmu mill-ufficcju. Hija tghid ukoll, li biex tevita l-iskarigg li tivvjagga mid-dar ghax-xoghol u mix-xoghol ghal MCAST, il-management offrielha li jirrangalha biex issegwi l-istudji taghha on line mill-Board room tas-socjeta ntimata.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li fuq ix-xoghol kien ikollha hafna meetings u nfurmat lil management li peress kienu resqin l-ezamijiet u kienet qed tahdem fuq it-tezi kellha bzonn li tnaqqas is-sight tax-xoghol.**

**Hija tkompli tghid, li fl'laqgha li kellha ma Ms Raylene Pollacco, ir-rikorrenti qaltilha li peress li kienu ghaddew is-sitt xhur tal-probation riedet li jkollha review tal-performace taghha sabiex tizdied fil-paga taghha.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li nfurmat lil Ms Raylene Pollacco li t-task li kienet qed tahdem fuqu kien ta' certu livell gholi u xtaqet li tigi moghtija l-ghajnuna ta' persuna li ghanda certa kompitenza.**

**Hija tkompli tghid, peress li x-xoghol li kienet qed tahdem fuqu kien jirrikjedi certa ricerka u dan kien qed jehdilha l-hin bil-konsegwenza li waqghet lura fl'istudji taghha u fuq ix-xoghol tat-tezi u kien ghalhekk li riedet tnaqqas is-sighat tax-xoghol u minn naha ta' Ms Raylene Pollacco qalet lir-rikorrenti li jekk kienet bi hsiebha titlaq mix-xoghol kellha tinfurma lil kumpanija gimghatejn qabel.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li kien cempillha l-lecturer taghha li kien l-mentor tat-tezi fejn qallha li qed taqa lura fuq ix-xoghol tat-tezi u kellha bzonn titkellem mal-manageemnt tas-socjeta ntimata u tghdilhom li ghandha bzonn tiehu certu perjodu ta' leave jew certu perjodu li ma tidholx ghax-xoghol sabiex tiffoka aktar fuq l-istudji.**

**Hija tghid ukoll li hekk ghamlet, kien l-Erbgha u cemplet lil Ms Raylene Pollacco fejn qaltilha li l-lecturer qallha li ghandha bzonn tiehu l-leave u nfurmatha li sal-11 ta' Gunju mhux se tkun available.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li fil-ghaxija bghatet email lil Ms Raylene Pollacco u fix-xhieda taghha kkwotat l-email li tghid "asper our telephone conversation I would like to confirm that I will be taking my study leave as from today till 11th June inclusive".**

**Hija tghid ukoll, li ghalija din kienet biex hi tghdilha li qed tikkonferma li f'dawk il-granet ma kienitx available, imma ma kienitx qed titlob jew tghid li ma kienitx se tidhol ghax-xoghol.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li nfatti kienet Ms Raylene Pollacco li qaltilha li kienet se ssaqsi lil Mr Colin u riedet tistenna risposta minnn naha tieghu biex tara jekk tistax tiehu dawn il-granet.**

**Hija tghid ukoll, peress li ma kienitx hadet risposta reghat bghatet email ohra lil Ms Raylene Pollacco fejn hi rrispondiet li ma kienitx l-ufficcju u kien ghalhekk li ma tghatix risposta. Ir-rikorrenti tkompli tghid, li sadanittant kienu ghaddew hames t'tijiem u baqghet minghajr risposta.**

**Hija tghid ukoll, li ghalkemm fil-kuntratt ma hemmx study leave pero hija kienet ikkunsidrata bhala studenta, kif ukoll li kemm damet tahdem mas-socjeta ntimata qatt ma hadet leave u ghaldaqstant ma kienitx taf bil-procedura.**

**Hija tkompli tghid, li ma setghatx tghidilhom li mhux diehla iktar u ma dahlitx ghax-xoghol ghax kienet qed tistenna risposta imma wara hames t'ijiem irceviet li giet terminata mix-xoghol.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li Monday u Tuesday kienet dahlet xoghol u hadmet 18 il-sigha u il-Hamis u l-Gimgha ma kienitx xoghol. Hija tghid ukoll li Monday kellha ezami u kien l-ghada Tuesday li irceviet it-terminazzjoni ta' l-impieg.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwistjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa r-raguni tat-terminazzjoni tal-impieg li skond id-dokument tal-JobsPlus gie ddikjarat mis-socjeta ntimata li "Termination reason : Resignation ; Abandoned place of work".**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina l-provi ma jirrizultalux li r-rikorrenti rrezenjat mill-impjieg.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali se jezamina wkoll dwar it-tieni raguni li tghat is-socjeta ntimata li tghid, abbandun ta' l-impieg.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li abbandun ta' l-impieg tfisser, meta mpjegat bla kliem u bla sliem ma jirrapurtax ghax-xoghol ghal numru ta' granet konsekwittivi u dan minghajr ma jkun nforma lill management.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan l-aspett relatat mal-kaz inkwestjoni mill-provi jirrizultalu, li r-rikorrenti ghamlet kuntatt mal-management bl'ghan li tigi moghtija numru ta' granet ta' study leave u li kienet bi hsiebha tirritorna ghax-xoghol u tkompli bix-xoghol fl'impieg mas-socjeta ntimata.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-provi ma jirrizultalux li r-rikorrenti rrezenjat mill-impieg u lanqas kif diga gie spjegat f'dawn il-kunsiderazzjonijiet li r-rikorrenti abbandunat l-impieg taghha minn mas-socjeta ntimata ghax infurmat lill-management meta setghet tirritorna ghax-xoghol.**

**Invista ta' dak li qed jigi spjegat hawn fuq it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-qofol tal-kaz inkwstjoni jittratta dwar l-argument tal-management li jghid, ir-rikorrenti hadet il-leave minghajr ma segwit il-procedura biex tapplika ghal leave u lanqas kien hemm l-approvazzjoni tal-management biex tigi moghtija l-leave.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li minn naha tar-rikorrenti tghid, li peress hija kienet haddiema part-time u l-management kien jaf li hija kienet qed issegwi kors ta' studju u ghaldaqstant kienet tahdem hinijiet ta' xoghol flessibbli, hija qatt ma applikat fuq formoli apposta biex tiehu l-leave kif ukoll, li meta talbet il-leave lill HR manager ma kelliex twegieba fil-hin biex tkun tista tippjana l-kors ta' studju li hija kienet qed issegwi u li kien importanti li jkollha risposta fil-hin ghax kienet waslet fl-ahhar fazi ta' l-istudji taghha.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina s-sekwenza tal-kaz jinnota, li r-rikorrenti kienet xoghol it-Tnejn 17 ta' Mejju u t-Tlieta 18 ta' Mejju, 2021 u f'dawn il-jumejn hadmet 18 il-siegha. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li peress ir-rikorrenti kienet studenta ma setghatx tahdem aktar minn ghoxrin siegha fil-gimgha ghax kien jaffettwalha l-istupendu.**

**Minn kif jirrizulta mill-provi l-Erbgha 19 ta' Mejju, ir-rikorrenti kkomunikat mal-HR Manager biex tiehu study leave sal-11 ta' Gunju,**

**2021 pero il-Hamis 20 ta' Mejju u Gimgha 21 ta' Mejju 2021 ma kienitx xoghol u t-Tnejn 24 ta' Mejju kellha ezami u kellha tkun xoghol it-Tlieta 25 ta' Mejju, 2021.**

**Invista ta' dan, meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-kaz jirrizultalu li r-rikorrenti ma kellhix permess mill-management biex tiehu l-leave u ghaldaqstant naqset li tirraporta ghax-xoghol f'zewg okkazzjonijiet.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota, li r-rikorrenti naqset li tahdem saghtejn xoghol fil-gimgha ta' bejn it-Tnejn 17 ta' Mejju u l-Gimgha 21 ta' Mejju, 2021 u dan ghar-raguni li f'dik il-gimgha diga kienet hadmet 18 il-siegha xoghol u ma setghatx tahdem aktar minn 20 siegha xoghol fil-gimgha u hija naqset li tirraporta ghax-xoghol fil-25 ta' Mejju, 2021 u kienet f'din il-gurnata stess li giet infurmatha mis-socjeta ntimata li l-impieg taghha kien qed jigi terminat.**

**It-Tribunal Industrijali meta janalizza l-kaz inkwestijoni huwa tal-fhema, li kif diga gie spjegat f'din id-Decizjoni l-management ma kienx korrett fl'argument tieghu li r-rikorrenti rrezenjat u abbandunat l-impieg, imma l-management setgha jakkuza lir-rikorrenti li assenjat ruha mill-post tax-xoghol minghajr ma kellha permess u approvazzjoni tal-leave mill-management.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-kaz inkwestjoni jittratta kaz ta' dixxiplina u liema kaz jirrikjedi li qabel ma tittiehed id-decizjoni mill-management li jiehu mizura ta' dixxiplina specjalment f'kaz li jittratta terminazzjoni ta' impjieg li hija meqjusa bhala l-piena kapitali fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali, huwa mehtieg li jkun hemm process ta' dixxiplina qabel ma l-impjegat jinstab hati u fejn l-impjegat involut ikollu l-opportunita ghal smigh xieraq.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-principju fundamentali tal-gustizzja naturali huwa li hadd ma ghandu jinstab hati qabel ma jigi moghti l-opportunita ghal smigh xieraq.**

**It-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta fl'opinjoni tal-management il-haddiem ikun naqas minn dmirijietu u jkun jirrikjedi li jitiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, il-managment ghandu jinforma lill haddiem involut bil-miktub x'kienu in-nuqqasijiet tieghu u jghatih l-opportunita li jiddefendi l-allegazzjonijiet li jkunu saru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Ghaldaqstant, il-management ghandu johrog att ta' akkuza (charge) fil-konfront tal-haddiem u jghatih data u hin ta' meta se jkun se jinstema l-kaz ta' dixxiplina fil-konfront tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jinghata**

**ll-opportunita li jtella xhieda, kif ukoll jekk ikun irid ikollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-management ittermina l-impjieg tar-rikorrenti qabel ma nieda process ta' dixxiplina u ghaldaqstant ir-rikorrenti ma kellix l-opportunita li b'modd xieraq tiddefeni l-kaz taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li r-rikorrenti ma kellix smigh xieraq fil-process ta' dixxiplina u b'konsegwenza gie miksur id-dritt fundamentali taghha tal-gustizzja naturali u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrenti ghandha tigi moghtija kumpens ta' €3,600 (tlett t'elef u sitt mitt euro) liema kumpens ghandu jithallas minghand ROCKS Company Ltd (C 15385) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Miinhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data : 16.05.2023**